

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2007/2118(INI)

13.5.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Petizzjonijiet

dwar l-impatt ambjentali tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass li hi ppjanata li ssir fil-Baħar Baltiku biex tgħaqqad flimkien lir-Russja u lill-Ġermanja (2007/2118(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Christopher Beazley

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

1. Itenni l-opinjoni tiegħu li, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-dipendenza dejjem tikber ta' l-UE fuq numru limitat ta' sorsi, fornituri u rotot ta' trasport ta' enerġija, huwa essenzjali li jiġu appoġġjati inizjattivi mmirati lejn id-diversifikazzjoni tagħhom, kemm ġeografikament u kif ukoll billi jiġu żviluppati alternattivi sostenibbli; jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari dwar il-bżonn li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' l-infrastruttura tal-portijiet li hi użata fl-immaniġġjar tal-fjuwils;
2. Jenfasizza l-fatt li s-sigurtà ta' l-enerġija trid titqies bħala komponent essenzjali tas-sigurtà ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod li d-definizzjoni tas-sigurtà ta' l-enerġija m'għandhiex tkunx sempliċement limitata għan-nuqqas ta' produzzjoni interna fl-UE iżda għandha tqis ukoll l-aspetti ġeopolitiċi tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet;
3. Jenfasizza l-bżonn ta' djalogu msaħħaħ ma' pajjiżi ewlenin ta' produzzjoni, ta' tranżitu u ta' konsum; jirrikonoxxi l-fatt li s-solidarjetà Ewropea fil-qasam ta' l-enerġija tiddependi b'mod kritiku kemm fuq ftehimiet trasparenti u li jistgħu jiġu infurzati reċiprokament mal-pajjiżi produttori u kif ukoll fuq l-eżistenza ta' suq ta' l-enerġija intern li jaħdem, u anke fuq infrastruttura ta' l-enerġija li tagħmel interkonnessjonijiet;
4. Jikkunsidra li l-aspetti tas-solidarjetà fil-qasam ta' l-enerġija fl-Unjoni Ewropea għandhom jitqiesu mill-Istati Membri kollha fid-deċizzjonijiet tagħhom dwar proġetti għall-infrastruttura ta' l-enerġija; jiddispijaċih dwar in-nuqqas ta' progress lejn politika ta' l-enerġija komuni Ewropea u jinsab imħasseb dwar il-ftehimiet bilaterali ta' diversi Stati Membri, li jdgħajfu l-kapaċità ta' l-Unjoni Ewropea li tinnegozja b'leħen wieħed mal-pajjiżi fornituri ewlenin; jistieden għal darba oħra lill-Istati Membri biex iżommu lill-Kummissjoni u lil xulxin infurmati qabel ma jittieħdu deċizzjonijiet strateġiċi dwar ftehimiet bilaterali ewlenin dwar proġetti ta' l-enerġija, li jistgħu jeffettwaw l-interessi ta' Stati Membri oħrajn u l-UE kollha kemm hi, kif għandu jsir fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha ta' politika barranija li huma ta' interess komuni;
5. Huwa tal-fehma li n-Nord Stream huwa proġett infrastrutturali b'dimensjoni politika u strateġika wiesgħa kemm għall-UE u kif ukoll għar-Russja; jifhem it-tħassib espress mill-Istati Membri ta' l-UE fir-rigward tal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema tal-pajpijiet tal-gass; jenfasizza li l-abilità ta' stati żgħar li jmissu mal-Baħar Baltiku li jkollhom rwol ta' sigurtà fir-reġjun ta' dan il-baħar ma tistax titqies b'mod iżolat mill-abilità ta' l-UE li taġixxi bħala entità magħquda u li titkellem b'vuċi waħda dwar il-kwistjonijiet ta' l-enerġija u jfakkar fir-rizzoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija¹; jenfasizza li l-proġett ġie ddikjarat bħala proġett ta' interess Ewropew fl-aħħar linji gwida dwar in-Netzwerke Trans-Ewropej ta' l-Enerġija (TENE-E), adottati f'Settembru 2006, u li għandu jiġi ppjanat fl-ispirtu tal-

¹ Testi adottati, P6_TA(2007)0413.

politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija;

6. Jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjoni bir-reqqa, indipendenti u oġġettiva ta' l-impatt ambjentali ta' Nord Stream, b'mod partikolari meta wieħed iqis il-fraġilità tal-qiegħ tal-Baħar Baltiku; hu tal-fehma li l-aspetti kollha rilevanti ta' l-ambjent u s-sikurezza għandhom jitqiesu b'mod sħiħ fit-tnejn, fil-bini u fil-fażijiet operattivi ta' kwalunkwe sistema ta' pajpijiet tal-gass fil-Baħar Baltiku; jenfasizza li valutazzjoni finali ta' l-effetti ambjentali ta' Nord Stream tista' ssir biss wara t-tlestija ta' l-evalwazzjoni ta' l-impatt;
7. Itenni l-importanza tas-sħubija ta' l-UE mar-Russja fil-qasam ta' l-enerġija u, għal darb'oħra, jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li din is-sħubija strateġika tista' tkun ibbażata biss fuq il-prinċipju li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u jkun hemm trattament ġust u fuq kundizzjonijiet indaqs għall-aċċess għas-suq; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jindirizzaw il-kwistjonijiet ambjentali u t-tħassib fir-rigward tas-sigurtà ta' l-enerġija fil-qafas tad-djalogu dwar l-enerġija li l-UE għandha mar-Russja, u jemmen li dan id-djalogu għandu jissaħħa fuq il-bażi tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija; ifakkar fl-opinjoni tiegħu li l-prinċipji u s-sustanza tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija u l-Protokoll tiegħu dwar it-Tranżitu jridu jkunu inklużi fi ftehimiet ta' koperazzjoni ma' pajpijiet terzi, inkluża l-Ftehim l-ġdida ta' Sħubija u Koperazzjoni mar-Russja, filwaqt li jenfasizza l-importanza li r-Russja tirratifika t-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija u l-Protokoll tiegħu dwar it-Tranżitu, minħabba li tali ratifikazzjoni se tnaqqas il-potenzjal għall-kunflitt fir-rigward ta' proġetti bħal Nord Stream;
8. Jinnota li l-proġett Nord Stream, jekk ikun implimentat, jista' jikkawża diżastru ambjentali minħabba sediment industrijali estremament tossiku mormi, b'mod partikolari, fil-Golf tal-Finlandja, u anke minħabba volum sinifikanti ta' armi kimiċi ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija mxerrda f'imkejjen oħra tul il-qiegħ tal-Baħar Baltiku, jekk dawn ikunu affettwati mix-xogħol tal-bini, u jekk tiġi kkunsidrata wkoll iż-żieda probabbli fit-trasportazzjoni ta' prodotti ta' enerġija likwida fil-Baħar Baltiku; jistieden lil Nord Stream biex tiegħu r-responsabilità finanzjarja li tagħti kumpens għal kwalunkwe ħsara li tista' ssir;
9. Jiddispjaċih dwar l-irwol marġinali ta' l-UE f'dan il-proġett, b'mod partikolari dak tal-Kummissjoni; jirrimarka li kieku l-UE tkun involuta b'mod akbar, titnaqqas l-inċertezza li tinħass minn haġna Stati Membri dwar il-proġett Nord Stream;
10. Għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex:
 - jevalwaw, fir-rigward tal-proġett Nord Stream, l-aspetti varji tat-trasparenza, l-aspetti ekonomiċi, regulatorji, legali u dawk relatati mal-baġit;
 - jagħmlu studju dwar il-kontribuzzjoni ta' Nord Stream għall-ħtiġijiet ta' l-enerġija ta' l-Ewropa inkluża l-kunsiderazzjoni ta' l-alternattivi kollha;
 - li jiżguraw li Nord Stream u l-kumpaniji affiljati tagħha jinvolvu ruħhom fi djalogu miftuħ u trasparenti u jikkoperaw mill-qrib mal-partijiet kollha kkonċernati dwar l-aspetti kollha matul l-istadji kollha qabel u wara l-bini tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass Nord Stream;

- jiżguraw li l-interessi ta' l-istati kollha li jmissu mal-Baħar Baltiku jiġu kkunsidrati b'mod xieraq fl-evalwazzjoni indipendenti ta' l-impatt ambjentali;
 - itennu s-sejħa tiegħu għar-ratifikkazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Espoo u tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, inkluż il-Protokoll tiegħu dwar it-Tranżitu, u kif ukoll l-impenn għall-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tagħhom, min-naħa tar-Russja;
11. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li jitwettqu evalwazzjonijiet kompleti u indipendenti ta' l-impatt ambjentali qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet fuq l-investimenti ewlenin kollha ta' l-infrastruttura, inklużi proġetti ta' sistemi ta' pajpijiet tal-gass fil-baħar u fuq l-art; jesprimi l-konvinzjoni tiegħu li d-dibattitu attwali dwar il-ħtieġa ta' standards ambjentali aħjar għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass Nord Stream se jgħinu biex jiġu stabbiliti standards xierqa għal impriżi futuri; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni reċenti ta' Nord Stream li tikkummissjona studju mill-Finlandja u l-Iżvezja dwar ir-riskji ambjentali li għandu l-munizzjon mormi f'qiegħ il-Baħar Baltiku wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li fiha sustanzi estremament tossiċi;
 12. Jissuġġerixxi l-ħolqien ta' superviżjoni komuni tas-sistema ta' pajpijiet tal-gass li tinkludi l-pajpiżi kollha tar-reġjun tal-Baħar Baltiku; barra minn hekk, jikkunsidra li huwa essenzjali għall-Kummissjoni li tagħti attenzjoni mill-qrib lill-iskrutinju ta' l-aspett ambjentali tal-bini propost ta' sistema ta' pajpijiet tal-gass, billi tuża l-istrumenti legali kollha eżistenti li l-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha, u, fuq talba ta' Stat Membru, permezz ta' l-involviment dirett ta' HELCOM (il-Kummissjoni Helsinki), u b'koperazzjoni mill-qrib magħha;
 13. Jinnota n-nuqqas ta' strutturi istituzzjonali xierqa li jkunu jistgħu jirreaġixxu b'mod adegwat għall-kwistjonijiet tas-sigurtà ambjentali u ġeopolitika li huma assoċjati ma' l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' l-enerġija esterna, u għal darba oħra jistieden lill-Kunsill biex jikkunsidra l-proposta għall-ħolqien tal-kariga ta' Uffiċjal Għoli għall-Politika Barranija ta' l-Enerġija li, filwaqt li jkollu żewġ irwoli, jaġixxi taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli ta' l-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà li għadu kif ġie maħluq u msaħħaħ, u li hu Viċi-President tal-Kummissjoni.
 14. Jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għall-tielet pakkett ta' liberalizzazzjoni ta' l-enerġija, inkluża l-klawsola dwar il-pajpiż terz, għaliex suq Ewropew ta' l-enerġija vibranti u liberalizzat biss, attrezzat bl-għodda meħtieġa biex jikkontrobatti mgħiba monopolista, jista' jiggarrantixxi s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija;
 15. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar proposti biex is-sistemi ta' pajpijiet tal-gass li huma ppjanati jiġu assigurati permezz ta' mezzi militari.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	6.5.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 55 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Christopher Beazley, Angelika Beer, Colm Burke, Marco Cappato, Véronique De Keyser, Giorgos Dimitrakopoulos, Hanna Foltyn-Kubicka, Bronisław Geremek, Maciej Marian Giertych, Ana Maria Gomes, Klaus Hänsch, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Maria Eleni Koppa, Helmut Kuhne, Joost Lagendijk, Vytautas Landsbergis, Johannes Lebech, Willy Meyer Pleite, Francisco José Millán Mon, Raimon Obiols i Germà, Vural Öger, Ria Oomen-Ruijten, Justas Vincas Paleckis, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Tobias Pflüger, João de Deus Pinheiro, Mirosław Mariusz Piotrowski, Michel Rocard, Libor Rouček, Katrin Saks, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Hannes Swoboda, Konrad Szymański, Charles Tannock, Inese Vaidere, Kristian Vigenin, Jan Marinus Wiersma, Luis Yañez-Barnuevo García, Zbigniew Zaleski, Josef Zieleniec
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiienė, Alexandra Dobolyi, Carlo Fatuzzo, Evgeni Kirilov, Marios Matsakis, Rihards Pīks, Dariusz Rosati, Wojciech Roszkowski, Inger Segelström, Adrian Severin, Jean Spautz
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Renate Weber